



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15748/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0428(NLE)

ECOFIN 1236
FIN 1198
UEM 391

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Novembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 747 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 12319/2021 INIT; ST 12319/2021 ADD 1) tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza tar-Rumanija

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 747 final.

Mehmuż: COM(2023) 747 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.11.2023
COM(2023) 747 final

2023/0428 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 12319/2021 INIT; ST 12319/2021 ADD 1) tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza tar-Rumanija

{SWD(2023) 382 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 12319/2021 INIT; ST 12319/2021 ADD 1) tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza tar-Rumanija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (recovery and resilience plan, “RRP”) mir-Rumanija fil-31 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021² (“id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill”)
- (2) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ta' kull Stat Membru jenħtieġ li tiġi aġġornata sat-30 ta' Ġunju 2022 f'konformità mal-metodoloġija pprovduta fih. Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta' dak l-aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (3) Fit-8 ta' Settembru 2023, ir-Rumanija ppreżentat RRP modifikat, li jinkludi kapitolu REPowerEU f'konformità mal-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241, lill-Kummissjoni.
- (4) L-RRP modifikat iqis ukoll il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u jinkludi talba motivata lill-Kummissjoni biex tippromovi lill-Kunsill biex jemenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 u jikkunsidra li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Il-modifiki tal-RRP ippreżentati mir-Rumanija jikkonċernaw 56 miżura.

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

² ST 12319/2021; ST 12319/2021 ADD 1.

- (5) Fl-14 ta' Lulju 2023, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet lir-Rumanija fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda li r-Rumanija ssegwi politiki fiskali f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 bil-ħsieb li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-gvern fir-Rumanija sal-2024, u li tissaħħaħ il-pożizzjoni esterna tar-Rumanija. Huwa rrakkomanda wkoll lir-Rumanija biex tnaqqas il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija fis-seħħ, billi tuża l-iffrankar relatat biex tnaqqas id-defiċit tal-gvern, malajr kemm jista' jkun fl-2023 u fl-2024. Jekk iż-żidiet imġedda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu jeħtieġu miżuri ta' appoġġ ġodda jew li jitkomplew, il-Kunsill irrakkomanda li r-Rumanija tiżgura li dawn ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli, ikunu fiskalment affordabbli, u jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li r-Rumanija tippreserva l-investiment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u tiżgura l-assorbiment effettiv tal-għotjiet taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari biex trawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Huwa rrakkomanda wkoll li tiġi żgurata governanza effettiva u li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva sabiex tkun tista' titkompla l-implimentazzjoni rapida u kostanti tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u li titkompla l-implimentazzjoni rapida tal-politika ta' koeżjoni. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda li r-Rumanija tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u taċċellera t-tranżizzjoni tal-enerġija, b'mod partikolari billi tuża enerġija rinnovabbli aktar malajr u ttejjeb il-kapaċità tal-grilja sabiex tippermetti kapaċità ġdida biex topera fis-suq u żżid l-effiċjenza enerġetika u l-ambizzjoni tal-isforzi ta' rinnovazzjoni tal-bini, inkluż billi tipprovdi aċċess aħjar għall-informazzjoni u għażliet ta' finanzjament sostenibbli. Fl-aħħar nett, irrakkomanda lir-Rumanija biex iżwid l-isforzi ta' politika mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.
- (6) Il-preżentazzjoni tal-RRP modifikat segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, bl-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sommarju tal-konsultazzjonijiet ġie ppreżentat flimkien mal-RRP modifikat. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP modifikat, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.

Aġġornamenti bbażati fuq l-Artikolu 18(2) tar-Regolament 2021/241

- (7) L-RRP modifikat ippreżentat mir-Rumanija jaġġorna tmien miżuri biex titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. Ir-Rumanija spjegat li minħabba li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima naqset minn EUR 14 244 851 992³ għal EUR 12 125 664 294⁴, diversi investimenti ġew modifikati, trasferiti jew il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa tagħhom meta mqabbel mal-pjan oriġinali tnaqqas, għal ammont totali ta' EUR 2 119 187 698, li jikkorrispondi għat-tnaqqis tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima.

³ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tar-Rumanija tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

⁴ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tar-Rumanija tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

- (8) Dawk il-modifiki jikkonċernaw miżuri taħt il-komponenti C2 – Foresti u protezzjoni tal-bijodiversità, C4 – Trasport sostenibbli, C6 – Enerġija, C7 – It-trasformazzjoni diġitali, C10 – Fond lokali, C12 – Il-kura tas-saħħa, u C15 – L-edukazzjoni. B'mod partikolari, il-miri 25 u 26 fl-investiment C2.I1 – Kampanja nazzjonali ta' afforestazzjoni u rifestazzjoni, inklużi foresti urbani – tnaqqsu fir-rigward tal-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa tagħhom; l-istadji importanti 72 u 73, u l-miri 74 u 75 tal-investiment C4.I1 – Modernizzazzjoni u tiġdid tal-infrastruttura ferrovjarja – ġew modifikati; il-mira 173 tal-investiment C7.I8 – Karta tal-identità elettronika u firma diġitali kwalifikati – tnaqqset fir-rigward tal-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa tagħha u l-mira 174 ġiet modifikata biex tirrifletti l-kontenut aġġornat tal-miżura; il-miri 302, 305 u 306, u l-istadju importanti 304, tal-investiment C10.I1 – Mobbiltà urbana sostenibbli – tneħħew, filwaqt li l-mira 303 tnaqqset fir-rigward tal-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa tagħha; il-miri 367 u 372 tal-investiment C12.I1 – Żvilupp ta' infrastruttura medika ta' qabel l-isptar – tnaqqsu fir-rigward tal-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa tagħhom; il-mira 377 tal-investiment C12.I2 – Żvilupp tal-infrastruttura tal-isptarijiet pubbliċi – tnaqqset fir-rigward tal-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa tagħha; l-istadju importanti 458 u l-mira 459 fl-investiment C15.I2 – L-istabbiliment, it-tagħmir u l-operazzjonalizzazzjoni ta' 412-il servizz komplementari għall-gruppi żvantaġġati – tnaqqsu fir-rigward tal-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa tagħhom.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament 2021/241

- (9) L-emendi tal-RRP ippreżentati mir-Rumanija minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 48 miżura.
- (10) Ir-Rumanija spjegat li 16-il miżura ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament fl-iskeda ta' żmien prevista fl-RRP oriġinali minħabba restrizzjonijiet fil-katina tal-provvista, ikkombinati f'xi każijiet ma' inflazzjoni għolja. Dawn jikkonċernaw, rispettivament, il-miri 5, 6, 7, u 8 tal-investiment C1.I1 - L-espansjoni tas-sistemi tal-ilma u tad-drenaġġ f'agglomerazzjonijiet b'ekwivalenza ta' popolazzjoni ta' aktar minn 2 000 ruħ, prijoritizzati mill-Pjan Aċċellerat għall-Konformità mad-Direttivi Ewropej; il-miri 11 u 12 tal-investiment C1.I2 - Ġbir tal-ilma mormi fl-agglomerazzjonijiet b'popolazzjoni ekwivalenti għal inqas minn 2 000 ruħ li jipprevjeni l-kisba ta' status tajjeb tal-korpi tal-ilma u/jew jaffettwa żoni naturali protetti; il-mira 13 tal-investiment C1.I3 - Appoġġ għall-konnessjoni tal-popolazzjoni bi dħul baxx man-networks eżistenti tal-ilma u tad-drenaġġ; Il-miri 14, 15, 17 u l-istadju importanti 16 tal-investiment C1.I4 - Adattament għat-tibdil fil-klima permezz tal-awtomatizzazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni tat-tagħmir tar-rimi tal-ilma u tal-ħżin, tal-akkumulazzjonijiet eżistenti biex jiġi żgurat il-fluss ekoloġiku u tiżdied is-sigurtà tal-provvista tal-ilma għall-popolazzjoni u jitnaqqas ir-riskju għall-għargħar, taħt il-komponent C1 - Il-ġestjoni tal-ilma; il-mira 58 tal-investiment C3.I3b - Tagħmir tal-kwalità tal-arja, ir-radjuattività u l-monitoraġġ tal-istorbju għall-Aġenzija Nazzjonali għall-Ħarsien tal-Ambjent, taħt il-komponent C3 - Ġestjoni tal-iskart; l-istadji importanti 95 u 96, u l-miri 101, 103, 104, 102, 105 u 106 tal-investiment C5.I1 - L-istabbiliment ta' fond tal-mewġa ta' rinnovazzjoni biex jiffinanzja xogħlijiet biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini eżistenti, taħt il-komponent C5 - Mewġa ta' rinnovazzjoni; l-istadji importanti 129 u 130, u miri 131 u 132 tal-investiment C6.I2 - Infrastruttura ta' distribuzzjoni ta' gassijiet rinnovabbli (bl-użu ta' gass naturali flimkien ma' idroġenu ekoloġiku bħala miżura tranżitorja) kif ukoll kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku u/jew l-użu tiegħu għall-ħżin tal-elettriku, taħt il-komponent C6 - Enerġija; il-miri 295 u 296 tal-investiment C10.I1 –

Mobbiltà urbana sostenibbli; il-miri 318 u 319 tal-investiment C10.I2 - Il-bini ta' akkomodazzjonijiet għaż-żgħażaġh u għall-professjonisti fil-qasam tas-saħħa u l-edukazzjoni; il-miri 321 u 322 tal-investiment C10.I3 - Ir-rijabilitazzjoni moderna ta' binjiet pubbliċi biex jitjieb it-twassil tas-servizz pubbliku minn unitajiet territorjali amministrattivi; il-miri 324 u 325 tal-investiment C10.I4 - Żvilupp/aġġornament fil-format tal-GIS tal-ippjanar spazjali u d-dokumenti tal-ippjanar urban, taħt il-komponent C10 - Fond lokali; l-istadju importanti 336 u mira 337 tal-investiment C11.I2 - Modernizzazzjoni/ħolqien ta' mużewijiet u monumenti; l-istadju importanti 340 tar-riforma C11.R2 - Qafas għall-operazzjonalizzazzjoni tar-rotot taċ-ċikliżmu fil-livell nazzjonali; l-istadju importanti 342 u mira 343 tal-investiment C11.I4 - Implimentazzjoni ta' 3 000 km ta' rotot taċ-ċikliżmu, taħt il-komponent C11 - It-turiżmu u l-kultura; il-miri 486, 487 u 488 tal-investiment C15.I10 - L-iżvilupp tan-network tal-iskejjel ekoloġiċi u x-xiri ta' minibuses ekoloġiċi; il-miri 503, 504, 505 u 506 tal-investiment C15.I17 - L-iżgurar tal-infrastruttura universitarja (djar, kantins, faċilitajiet ta' rikreazzjoni), taħt il-komponent C15 - L-edukazzjoni. Abbażi ta' dan, ir-Rumanija talbet li testendi l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri u tnaqqas il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa ta' xi wħud mill-istadji importanti u l-miri korrispondenti. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.

- (11) Ir-Rumanija spjegat li seba' miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba restrizzjonijiet min-naħa tal-provvista bħal dewmien mhux mistenni fil-finalizzazzjoni tal-proċeduri tal-offerti jew domanda insuffiċjenti. Dawn jikkonċernaw: il-mira 18 tal-investiment C1.I5 - Dotazzjoni xierqa tal-amministrazzjonijiet tal-baċiri tax-xmajjar għall-monitoraġġ tal-ġhargħar, il-prevenzjoni u r-rispons ta' emerġenza, taħt il-komponent C1 - Il-ġestjoni tal-ilma; il-mira 39 tal-investiment C2.I4 - Investimenti integrati għar-rikostruzzjoni ekoloġika tal-ħabitats u l-konservazzjoni ta' speċijiet relatati mal-merġħat, żoni akkwatiċi u żoni li jiddependu fuq l-ilma, taħt il-komponent C2 - Foresti u protezzjoni tal-bijodiversità; l-istadji importanti 135 u 136 u l-miri 137, 138 u 139 ta' C6.I4 - Katina industrijali ta' produzzjoni u/jew assemblaġġ u/jew riċiklaġġ ta' batteriji, ċelloli u pannelli fotovoltaiċi (inkluż tagħmir awżiljarju), kif ukoll kapaciċitajiet ġodda ta' ħżin tal-elettriku, u l-mira 141 tal-investiment C6.I5 - L-iżgurar tal-effiċjenza enerġetika fis-settur industrijali, taħt il-komponent C6 - Enerġija; l-istadju importanti 334 u l-mira 335 tal-investiment C11.I1 - Promozzjoni tat-12-ir rotta turistika/kulturali, taħt il-komponent C11 - Turiżmu u kultura; il-miri 466 u 467 tal-investiment C15.I4 - Appoġġ għal stabbilimenti edukattivi b'riskju għoli ta' tluq bikri mill-iskola u l-mira 482 tal-investiment C15.I9 - L-iżgurar ta' tagħmir u riżorsi tat-teknoloġija diġitali għall-iskejjel, taħt il-komponent C15 - Edukazzjoni. Abbażi ta' dan, ir-Rumanija talbet li tnaqqas il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa tal-istadji importanti u l-miri korrispondenti ta' dawn il-miżuri, tneħħi xi miri intermedjarji, jew timmodifika d-deskrizzjoni tal-miżuri u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (12) Ir-Rumanija spjegat li 21 miżura ġew modifikati biex jimplimentaw alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżuri. Dawn jikkonċernaw: l-istadju importanti 41 tal-investiment C2.I5 - Sistemi integrati ta' tnaqqis tar-riskju ta' ġhargħar fil-baċiri forestali, taħt il-komponent C2 - Foresti u protezzjoni tal-bijodiversità; l-istadju importanti 45 tar-riforma C3.R1 - It-titjib tal-governanza tal-immaniġġjar tal-iskart biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari; il-miri 48, 49, 52 u 53 tal-investiment C3.I1 - Żvilupp, modernizzazzjoni u tlestija ta' sistemi integrati għall-immaniġġjar tal-iskart muniċipali fil-livell tal-kontea jew fil-livell tal-

belt/muniċipalit  taħt il-komponent C3 –  estjoni tal-iskart; l-istadji importanti 59, 60 u 66, u l-mira 64 tar-riforma C4.R1 – Trasport sostenibbli, dekarbonizzazzjoni u sikurezza fit-toroq; l-istadji importanti 86 u 87 u l-miri 88 u 89 tal-investment C4.I4 – L-iżvilupp tan-network tat-trasport taħt l-art fil-muniċipalitajiet ta’ Bucharest u Cluj-Napoca, taħt il-komponent C4 – Trasport sostenibbli; l-istadju importanti 167 tal-investment C7.I5 – Diġitalizzazzjoni fil-qasam tal-ambjent taħt il-komponent C7 – Trasformazzjoni diġitali; l-istadju importanti 209 tar-riforma C8.R5 – L-istabbiliment u operazzjonalizzazzjoni tal-Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp; l-istadju importanti 214 tar-riforma C8.R6 – Riforma tas-sistema tal-pensjonijiet pubbliċi; u l-istadju importanti 231 u l-mira 232 tal-investment C8.I4 – Implimentazzjoni tad-dwana elettronika, taħt il-komponent C8 – Riformi tat-taxxa u l-pensjonijiet; l-istadju importanti 246 tal-investment C9.I1 – Pjattaformi diġitali dwar it-trasparenza leġislattiva, it-tneħħija tal-burokrazija u s-simplifikazzjoni proċedurali għan-negozji; il-miri 267 u 269 tal-investment C9.I4 – Proġetti transkonfinali u multinazzjonali – Proċessuri b’Enerġija Baxxa u Ċippi Semikondutturi; il-mira 283 tal-investment C9.I7 – It-tisħiħ tal-eċċellenza u l-appoġġ għall-parteċipazzjoni tar-Rumanija fi sħubijiet u missjonijiet f’Orizzont Ewropa, taħt il-komponent C9 – Appoġġ għan-negozju, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni; l-istadju importanti 420 tar-riforma C14.R4 – L-iżvilupp ta’ sistema ġusta ta’ paga unitarja fis-settur pubbliku, taħt il-komponent C14 – Governanza tajba; l-istadju importanti 452 tar-riforma C15.R1 – Elaborazzjoni u adozzjoni tal-pakkett leġislattiv għall-implimentazzjoni tal-proġett “Rumanija Edukata”; il-mira 457 tal-investment C15.I1 – Kostruzzjoni, tagħmir u operazzjonalizzazzjoni ta’ 110 cr ches; l-istadju importanti 479 tar-riforma C15.R5 – Adozzjoni tal-qafas leġislattiv għad-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni; l-istadji importanti 489 u 490 u l-miri 491 u 492 tal-investment C15.I11 – Forniment ta’ faċilitajiet għall-klassijiet ta’ qabel l-universit  u l-laboratorji/workshops tal-iskola; l-istadju importanti 495 tar-riforma C15.R7 – Ir-riforma tal-governanza tas-sistema edukattiva ta’ qabel l-universit  u l-professjonalizzazzjoni tal-maniġment; l-istadju importanti 498 tal-investment C15.I15 – Skola Online: Pjattaforma ta’ valutazzjoni u żvilupp tal-kontenut; l-istadju importanti 501 tal-investment C15.I16 – Id-diġitalizzazzjoni tal-universitajiet u t-tħejjija tagħhom għall-professjonijiet diġitali tal-futur; u l-mira 507 tal-investment C15.I18 – Programm ta’ taħriġ u kowċing għall-maniġers u l-ispetturi tal-iskejjel, taħt il-komponent C15 – L-edukazzjoni. Abbażi ta’ dan, ir-Rumanija talbet li timmodifika d-deskrizzjoni tal-miżuri u tal-istadji importanti u l-miri korrispondenti u jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.

- (13) Ir-Rumanija spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista’ tinkiseb kompletament fl-iskeda ta’ żmien inizjalment ippjanata jew hija mdewma u huma meħtieġa bidliet biex tiġi żgurata l-konformit  mar-rekwiżiti legali emendati. Dan jikkonċerna: l-istadju importanti 349 u l-mira 350 tal-investment C11.I7 – L-aċċellerazzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-films, taħt il-komponent C11 – It-turiżmu u l-kultura. Abbażi ta’ dan, ir-Rumanija talbet li testendi l-iskeda ta’ żmien għall-implimentazzjoni tagħhom jew li timmodifika d-deskrizzjoni tal-miżuri u tal-istadji importanti u l-miri korrispondenti u jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.
- (14) Ir-Rumanija spjegat li żewġ miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu fl-iskeda ta’ żmien u l-kostijiet stmati tal-RRP oriġinali minħabba n-nuqqas ta’ domanda li jirriżulta minn inflazzjoni għolja, u l-kuntest ekonomiku inċert ipprovokat mill-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dawn jikkonċernaw: il-mira 285 tal-investment C9.I9 – Appoġġ għad-detenturi ta’ ċertifikati ta’ eċċellenza riċevuti fil-Premju ta’ Marie

Sklodowska Curie għal Fellowship Individwali, taħt il-komponent C9 – Appoġġ għan-negożju, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni; il-mira 330 tar-riforma C11.R1 – L-operazzjonalizzazzjoni tal-Organizzazzjonijiet tal-Ġestjoni tad-Destinazzjoni (DMOs), taħt il-komponent C11 – It-turiżmu u l-kultura. Abbażi ta' dan, ir-Rumanija talbet li testendi l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom, biex timmodifika d-deskrizzjoni tal-miżuri u biex tnaqqas l-istadji importanti u l-miri korrispondenti u jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.

- (15) Ir-Rumanija spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb kompletament minħabba kundizzjonijiet mhux favorevoli tas-suq tal-enerġija wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-elettriku filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet fil-Liġi dwar id-Dekarbonizzazzjoni vvalutati fl-istadju importanti 113 fil-kuntest tat-tieni talba għal pagament. Dan jikkonċerna l-miri 115 u 119 tar-riforma C6.R1 – Ir-riforma tas-suq tal-elettriku, is-sostituzzjoni tal-faħam fit-taħlita tal-enerġija u l-appoġġ għal qafas leġislativ u regolatorju għall-investiment privat fil-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli, taħt il-komponent C6 – Enerġija. Abbażi ta' dan, ir-Rumanija talbet li timmodifika d-deskrizzjoni tal-miżura u tal-miri korrispondenti u jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.
- (16) Ir-Rumanija talbet ukoll li tuża r-riżorsi liberati mit-tneħħija jew it-tnaqqis fid-daqs tal-miżuri skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, għal ammont totali ta' EUR 577 082 830, biex tinkludi żewġ miżuri ġodda taħt il-komponent 16 – REPowerEU: l-investiment C16.I6 – Proġett pilota għall-installazzjoni ta' 20 MW ta' pannelli solari li jżommu f'wiċċ l-ilma fuq il-kanali tal-irrigazzjoni; u l-investiment C16.I7 – Skema ta' Vawċers tal-Għotjiet biex isir titjib fl-effiċjenza enerġetika fid-djar.
- (17) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati mir-Rumanija jiġġustifikaw l-aġġornament skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-emenda skont l-Artikolu 21(2) ta' dak ir-Regolament.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (18) Ġew identifikati 17-il żball klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, li jaffettwaw 17-il stadju importanti u miri u 16-il miżura. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi emendata biex jiġu kkoreġuti dawk l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ppreżentat lill-Kummissjoni fil-31 ta' Mejju 2021, kif miftiehem bejn il-Kummissjoni u r-Rumanija. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati ma': il-mira 55 tal-investiment C3.I2 – Żvilupp tal-infrastruttura għad-demel u ġestjoni ta' skart agrikolu kompostabbli ieħor, taħt il-komponent C3 – Ġestjoni tal-iskart; l-istadju importanti 79 tar-riforma C4.R2 – Ġestjoni tal-kwalità bbażata fuq il-prestazzjoni fit-trasport – Titjib tal-kapaċità istituzzjonali u l-governanza korporattiva, taħt il-komponent C4 – Trasport sostenibbli; il-mira 134 tal-investiment C6.I3 – L-iżvilupp ta' ġenerazzjoni ta' sħana u enerġija kkombinati (CHP) flessibbli u effiċjenti ħafna li jaħdmu bil-gass fit-tisħin distrettwali biex tinkiseb dekarbonizzazzjoni profonda, taħt il-komponent 6 – Enerġija; l-istadji importanti 164 u 166 tal-investiment C7.I4 – Diġitalizzazzjoni tal-ġudikatura, l-istadju importanti 167 tal-investiment C7.I5 – Diġitalizzazzjoni fil-qasam tal-ambjent, u l-mira 185 tal-investiment C7.I16 – Programm avanzat ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali għall-impjegati taċ-ċivil, taħt il-komponent 7 – It-trasformazzjoni diġitali; l-istadju importanti 217 tal-investiment C8.I1 – L-iffaċilitar tal-konformità tal-kontribwenti permezz tal-iżvilupp ta' servizzi diġitali, u l-istadju importanti 226a tal-investiment

C8.I2 – It-titjib tal-proċessi tal-amministrazzjoni tat-taxxa u tat-taxxa, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' ġestjoni integrata tar-riskju, taħt il-komponent 8 – Riforimi tat-taxxa u l-pensjonijiet; l-istadju importanti 241 tar-riforma C9.R1 – Trasparenza leġiżlattiva, tneħħija tal-burokrazija u simplifikazzjoni proċedurali għan-negozju u l-istadju importanti 256 tal-investment C9.I2 – Strumenti finanzjarji għas-settur privat, taħt il-komponent 9 – Appoġġ għan-negozju, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni; l-istadju importanti 317 tal-investment C10.I2 – Kostruzzjoni ta' djar għaż-żgħażagħ u għall-professionisti fis-saħħa u l-edukazzjoni; l-istadju importanti 328 tar-riforma C11.R1 – L-operazzjonalizzazzjoni tal-Organizzazzjonijiet tal-Ġestjoni tad-Destinazzjoni (DMOs), taħt il-komponent C11 – It-turiżmu u l-kultura; l-istadju importanti 384 tar-riforma C13.R3 – Implimentazzjoni tal-Introjtu Minimu tal-Inklużjoni (VMI), taħt il-komponent 13 – Riforimi soċjali; l-istadju importanti 439 tar-riforma C14.R9 – Titjib tal-qafas proċedurali għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' governanza korporattiva fl-intrapriżi tal-istat, taħt il-komponent 14 – Governanza tajba; il-mira 474 tal-investment C15.I6 – L-iżvilupp ta' 10 konsorzji reġionali u l-iżvilupp u t-tgħammir ta' 10 kampusijiet vokazzjonali; il-mira 497 ta' investment C15.I14 – It-tgħammir ta' sessjonijiet ta' ħidma tal-prattika fl-iskejjel tal-ETV, taħt il-komponent 15 – L-edukazzjoni. Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Il-kapitolu REPowerEU bbażat fuq l-Artikolu 21c tar-Regolament 2021/241

- (19) Il-kapitolu REPowerEU jinkludi żewġ riformi u seba' investimenti. Il-kapitolu REPowerEU tar-Rumanija huwa mistenni li jkollu impatt dejjiemi fuq it-tnaqqis tal-konsum tal-fjuwils fossili u tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u fuq iż-żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u b'hekk jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet matul l-istaġuni tax-xitwa.
- (20) Il-kapitolu jinkludi riforma importanti li għandha l-għan li tiffaċilita l-identifikazzjoni ta' żoni ta' aċċelerazzjoni, li hija mistennija li tagħti spinta lill-installazzjoni ta' impjanti ġodda tal-enerġija rinnovabbli. Din ir-riforma hija kkomplementata minn żewġ investimenti mmirati lejn l-użu tal-enerġija rinnovabbli. Wieħed minnhom, l-investment C6.I1 – Kapaċitajiet ġodda għall-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli, taħt il-komponent 6 – Enerġija, ġie ttrasferit għall-kapitolu REPowerEU f'konformità mal-Artikolu 21c(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (21) Il-pjan jinkludi wkoll riforma biex jiġu stabbiliti uffiċċji ta' punt uniku ta' servizz, iddedikati għall-ġhoti ta' informazzjoni u assistenza lil persuni privati għall-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli u għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika, fl-ewwel pass fl-indirizzar lil dawk affettwati mill-faqar enerġetiku u lill-konsumaturi vulnerabbli tal-enerġija. Din ir-riforma hija kkomplementata minn investment immirat lejn l-użu tal-enerġija solari fuq il-bjut fuq il-binjiet residenzjali u żewġ investimenti biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika fil-pajjiż billi jiġu rinnovati l-bini pubbliku u l-abitazzjonijiet privati rispettivament. Dan l-aħħar investment fir-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika ta' abitazzjonijiet privati jagħti prijorità lill-unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija u lill-konsumaturi vulnerabbli tal-enerġija, u b'hekk jindirizza l-faqar enerġetiku. L-investment jikkonsisti fi skema ta' vawċers ta' għotja li tkopri kemm ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika kif ukoll l-installazzjoni ta' pannelli solari fuq il-bjut. Il-benefiċjarji jirċievu assistenza mmirata minn punti uniċi ta' servizz stabbiliti taħt riforma.
- (22) Il-kapitolu REPowerEU jinkludi wkoll investment biex jittejbu l-manutenzjoni, l-effiċjenza u ċ-ċibersigurtà tan-network tat-trażmissjoni tal-elettriku, tiġi ffaċilitata l-

konnessjoni ta' impjanti rinnovabbli ġodda u jiġu żgurati aħjar ir-reżiljenza u l-affidabbiltà tal-infrastruttura.

- (23) Il-kapitolu REPowerEU jinkludi wkoll investiment li jipprovdi taħriġ għall-ħaddiema dwar il-ħiliet tal-enerġija ekoloġika.
- (24) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU mal-kriterji tal-valutazzjoni stipulati fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament 2021/241.

Rispons bilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (25) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a), u l-Anness V, il-kriterju 2.1, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u adegwatament ibbilanċjat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, biex b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi ffaċċjati mill-Istat Membru kkonċernat u l-allokazzjoni finanzjarja għalih.
- (26) L-RRP modifikat, flimkien mal-kapitolu REPowerEU, għandu impatt biss fuq il-valutazzjoni oriġinali tal-kontribut tal-RRP għall-ewwel pilastru dwar it-tranżizzjoni ekoloġika kif stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021. Għall-pilastri l-oħra, in-natura u l-firxa tal-modifiki għall-RRP ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni preċedenti tal-pjan, li jkompli jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u lanqas fuq il-kontribut xieraq tiegħu għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (27) Fir-rigward tal-ewwel pilastru, il-miżuri fil-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030 u l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050, bl-għan li jaċċelleraw l-użu tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli billi jintroduċu miżuri li jissimplifikaw il-proċeduri tal-għoti ta' permessi u dawk amministrattivi. Il-miżuri kollha inklużi fil-kapitolu REPowerEU huma mistennija li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika, u għall-indirizzar tal-isfidi korrispondenti.

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (28) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u l-Anness V, il-kriterju 2.2, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU mistenni jikkontribwixxi għall-indirizzar b'mod effettiv tal-isfidi kollha, jew subsett sinifikanti minnhom (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti indirizzati lir-Rumanija, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, u rakkomandazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati b'mod uffċjali mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (29) B'mod partikolari, l-RRP modifikat iqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati b'mod formali mill-Kunsill qabel il-valutazzjoni tal-pjan modifikat mill-Kummissjoni. Peress li l-allokazzjoni finanzjarja massima għar-Rumanija naqset bħala riżultat tal-aġġornament, ir-rakkomandazzjonijiet tal-2022 u tal-2023 mhux relatati mal-isfidi tal-enerġija ma jitqisux fil-valutazzjoni ġenerali.
- (30) Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti kollha bħala parti mis-Semestru Ewropew 2023, il-Kummissjoni

ssib li r-rakkomandazzjoni 2020.3.1 dwar l-iżgurar ta' appoġġ ta' likwidità għall-ekonomija li minnu jibbenefikaw in-negozji u l-unitajiet domestiċi għet implimentata bis-sħiħ. Inkiseb progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 2020.2.1 dwar il-forniment ta' sostituzzjoni adegwata tal-introjt u r-rakkomandazzjoni 2019.2.1 dwar is-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja u r-robustezza tas-settur bankarju.

- (31) L-RRP modifikat jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lir-Rumanija mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, notevolment fil-qasam tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u s-sistema tal-pensjonijiet, il-kura tas-saħħa, l-amministrazzjoni pubblika, l-ambjent tan-negozju, l-edukazzjoni, u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Billi jindirizza l-isfidi msemmija hawn fuq, l-RRP modifikat huwa mistenni li jikkontribwixxi wkoll għall-korrezzjoni tal-iżbilanċi li qed tesperjenza r-Rumanija, kif identifikat fir-rakkomandazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fl-2019, fl-2020 u fl-2023, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontijiet esterni, marbuta ma' defiċits kbar tal-gvern.
- (32) Peress li r-Rumanija għadha żżomm b'mod sinifikanti l-ambizzjoni tal-investimenti u r-riformi, il-modifiki għall-RRP tar-Rumanija ma jbidlux il-valutazzjoni preċedenti li l-RRP qed jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom. Barra minn hekk, il-kapitolu REPowerEU jsaħħaħ l-ambizzjoni tal-pjan fir-rigward tal-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti fil-qasam tal-enerġija (CSRs 2023.3 u 2022.3), b'mod partikolari biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u biex titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija.
- (33) Diversi miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU (il-komponent C16) għandhom l-għan li jużaw l-enerġija rinnovabbli aktar malajr. Dawn jinkludu kemm ir-riformi C16.R1 – Il-ħolqien ta' qafas legali għall-użu tal-art tal-istat bħala żoni ta' aċċelerazzjoni għall-investimenti fis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli - u C16.R2 - L-istabbiliment ta' punti uniċi ta' servizz (OSS) biex jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza dwar l-enerġija għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika u l-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli għall-prosumaturi - u l-investimenti C16.I2 – Kapaċitajiet ġodda għall-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli, C16.I4 – Skema ta' Vawċers tal-Għotjiet biex jiġi aċċellerat l-użu tal-enerġija rinnovabbli mill-unitajiet domestiċi, u C16.I6 – Proġett pilota għall-installazzjoni ta' 20 MW ta' pannelli solari li jżommu f'wiċċ l-ilma fuq il-kanali tal-irrigazzjoni. Barra minn hekk, ir-riforma C16.R1 – Il-ħolqien ta' qafas legali għall-użu tal-art tal-istat bħala żoni ta' aċċelerazzjoni għall-investimenti fis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli – u l-investment C16.I5 – Id-diġitalizzazzjoni, l-effiċjenza u l-modernizzazzjoni tan-network nazzjonali tat-trażmissjoni tal-elettriku – għandhom l-għan li jtejbu l-kapaċità tal-grilja biex il-kapaċità mibnija għidha tkun tista' tiġi konnessa man-network aktar malajr. Il-miżuri C16.R2 – L-istabbiliment ta' punti uniċi ta' servizz (OSS) biex jipprovdu servizzi ta' konsulenza dwar l-enerġija għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika u l-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli għall-prosumaturi, C16.I3 - Spinta lill-effiċjenza enerġetika tal-bini pubbliki, u C16.I7 - Skema ta' Vawċers tal-Għotja biex isir titjib fl-effiċjenza enerġetika lill-unitajiet domestiċi - jgħinu biex jiżiedu l-pass u l-ambizzjoni tar-rinnovazzjonijiet biex javvanzaw l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini. L-introduzzjoni ta' uffiċċji ta' rinnovazzjoni taħt C16.R2 - L-istabbiliment ta' punti uniċi ta' servizz (OSS) biex jipprovdu servizzi ta' konsulenza dwar l-enerġija

għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika u l-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli għall-prosumaturi - tindirizza b'mod speċifiku r-rakkomandazzjoni biex jiġi pprovdut aċċess aħjar għall-informazzjoni u għażliet ta' finanzjament sostenibbli. Fl-aħħar nett, l-investiment C16.II – Taħriġ għall-ħiliet fl-enerġija ekoloġika – jikkontribwixxi għall-forniment u l-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Kontribut għall-potenzjal tat-tkabbir, għall-ħolqien tal-impjiegi u għar-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (34) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c), u l-Anness V, il-kriterju 2.3, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU mistenni jkollu impatt għoli (Klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tax-xogħol, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tar-Rumanija, li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, biex b'hekk isahha il-koeżjoni u l-konverġenza ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni.
- (35) L-RRP modifikat, inkluż il-kapitolu REPowerEU, ikompli jikkontribwixxi għall-koeżjoni ekonomika u jindirizza l-vulnerabbiltajiet tal-ekonomija f'konformità mal-valutazzjoni oriġinali. Minbarra l-miżuri inklużi fl-RRP oriġinali, il-miżuri fil-kapitolu REPowerEU huma mistennija wkoll li jikkontribwixxu għat-tkabbir sostenibbli. Dan huwa l-każ pereżempju għall-appoġġ għall-ħiliet ekoloġiċi u l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli.
- (36) Il-modifiki għall-RRP ma jaffettwawx il-kontribut tal-pjan għall-koeżjoni soċjali. Il-pjan modifikat ikompli jinkludi miżuri biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali li ilhom jeżistu, inklużi r-rispons u l-aċċessibbiltà tas-servizzi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul, u l-aċċess għas-servizzi għat-tfal f'komunitajiet vulnerabbli u għall-persuni b'diżabilità. Il-miżuri fl-RRP modifikat huma mistennija li jkomplu jgħinu fit-twettiq tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali approvat fis-Summit ta' Porto tas-7 ta' Mejju 2021 u huma mistennija li jikkontribwixxu għat-titjib tal-livelli tal-indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (37) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u l-Anness V, il-kriterju 2.4, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU mistenni jiżgura li l-ebda miżura (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u ta' proġetti ta' investiment inklużi fih ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali fit-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (38) Il-pjan modifikat jivvaluta l-konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont il-metodoloġija stabbilita fil-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (C(2023) 6454 final). Il-bidliet introdotti fil-miżuri permezz tal-modifiki fil-pjan ma jaffettwawx il-valutazzjoni mwettqa għall-verżjoni oriġinali tal-RRP, li tibqa' l-istess.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13)

- (39) Għar-riformi u l-investimenti l-ġodda introdotti, ir-Rumanija pprovdiet valutazzjoni sistematika ta' kull miżura b'referenza għall-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". Fejn meħtiegħ, fl-istadji importanti u fil-miri rilevanti jiġu inklużi salvagwardji speċifiċi biex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". L-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija tippermetti li jiġi konkluż li l-pjan huwa mistenni li jiżgura li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.
- (40) L-ebda miżura taħt il-kapitolu REPowerEU ma taqa' taħt l-Artikolu 21c(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kontribut għall-oġġettivi tar-REPowerEU

- (41) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da), u l-Anness V, il-kriterju 2.12, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU mistenni jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-bieċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda tal-kapaċitajiet ta' ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis neċessarju ta' dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (42) Il-kapitolu REPowerEU tar-Rumanija huwa mistenni li jkollu impatt dejjiemi fuq it-tnaqqis tal-konsum tal-fjuwils fossili u tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u fuq iż-żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli billi jagħti spinta lill-installazzjoni ta' kapaċitajiet ġodda fir-riżorsi tal-enerġija rinnovabbli u rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika, inklużi konsumaturi tal-enerġija foqra fl-enerġija u vulnerabbli. Dan huwa kkomplementat minn uffiċċji ta' punt uniku ta' servizz iddedikati għall-għoti ta' informazzjoni u assistenza lill-prosumaturi. Dawn il-miżuri huma mistennija li jikkontribwixxu għall-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b), (d) u (e), tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (43) Barra minn hekk, miżura fil-kapitolu REPowerEU għandha l-għan li ttejjeb il-manutenzjoni, l-effiċjenza u ċ-ċibersigurtà tan-network ta' trażmissjoni, tiffaċilita l-konnessjoni ta' impjanti ġodda tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli u tiżgura reżiljenza u affidabbiltà aħjar tal-infrastruttura. Dan huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b) u (e), tar-Regolament (UE) 2021/241. L-introduzzjoni ta' skemi ta' vawċers ta' għotjiet biex isir titjib fl-effiċjenza enerġetika fl-unitajiet domestiċi u tintuża l-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, li jenħtiegħ li tagħti prijorità lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, hija mistennija li tikkontribwixxi għall-oġġettiv li jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku, stabbilit fl-Artikolu 21c(3), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (44) Il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni wkoll li jikkontribwixxi għal rikwalifikazzjoni aċċellerata tal-forza tax-xogħol lejn ħiliet ekoloġiċi, kif stabbilit fl-Artikolu 21c(3), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2021/241, b'enfasi fuq l-iżvilupp ta' ħiliet f'teknoloġiji nodfa meħtiegħa għall-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

Miżuri b'dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali

- (45) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (db), u l-Anness V, il-kriterju 2.13, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU mistennija fil-bieċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) ikollhom dimensiuni jew effett transfruntier jew multinazzjonali.
- (46) Il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni jikkontribwixxi għat-tnaqqis ta' dipendenza fuq il-fjuwils fossili u d-domanda għall-enerġija. B'mod partikolari, diversi miżuri fil-kapitolu REPowerEU jappoġġaw l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u t-tnaqqis

tad-domanda għall-enerġija fil-bini. B'mod partikolari, il-kapitolu jinkludi riforma li għandha l-għan li tiffaċilita l-identifikazzjoni ta' żoni ta' aċċelerazzjoni, li hija mistennija tagħti spinta lill-installazzjoni ta' impjanti ġodda tal-enerġija rinnovabbli u investiment immirat lejn l-użu tal-enerġija rinnovabbli. Il-kapitolu jinkludi wkoll riforma biex jiġu stabbiliti uffiċċji ta' punt uniku ta' servizz, iddedikati għall-ġoti ta' informazzjoni u assistenza lil persuni privati għall-installazzjoni ta' tagħmir tal-enerġija rinnovabbli u għat-twettiq ta' rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika. Din ir-riforma hija kkomplementata minn investiment immirat lejn l-użu tal-enerġija solari fuq bini residenzjali u żewġ investimenti biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika fil-pajjiż billi jiġi rinnovat il-bini pubbliku u privat rispettivament.

- (47) L-istima tal-kostijiet tal-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU li huma mistennija jkollhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali jirrappreżentaw 96,5 % tal-istima tal-kostijiet totali tal-kapitolu.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (48) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 44,1 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP u 96,5 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolati f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (49) L-ambizzjoni klimatika tal-pjan modifikat mingħajr il-kapitolu REPowerEU tonqos bi ftit meta mqabbla mal-pjan oriġinali, prinċipalment minħabba t-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni meħtieġa ta' xi miżuri wara t-tnaqqis fil-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għar-Rumanija, u hija ta' 40,1 % tal-pjan modifikat, meta mqabbel ma' 41 % għall-pjan oriġinali.
- (50) Madankollu, il-kapitolu REPowerEU jinkludi disa' miżuri li għandhom l-għan li jaċċelleraw l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-pass tar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika u r-rikwalifikazzjoni tal-forza tax-xogħol lejn il-livell ekoloġiċi. Għalhekk, il-kontribut għat-tibdil fil-klima tal-RRP, inkluż il-kapitolu REPowerEU, jaqbeż il-mira klimatika minima ta' 37 % kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/241. Il-miżuri relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU għandhom impatt deġġiem peress li l-miżuri għandhom l-għan li jagħmlu bidliet strutturali biex inaqqsu d-dipendenza ġenerali tar-Rumanija fuq il-fjuwils fossili u biex iżidu l-iffrankar tal-enerġija billi jaqilbu għal teknoloġiji ekoloġiċi, b'mod partikolari dawk relatati mas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-ħżin tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika u d-dekarbonizzazzjoni industrijali. B'riżultat ta' dan, jikkontribwixxu wkoll biex jintlaħqu l-miri għall-2030-2050 u l-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (51) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal ammont

li jirrappreżenta 21,8 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP modifikat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.

- (52) Il-modifika lill-RRP ma kellhiex impatt fuq il-kontribut tiegħu għat-tranżizzjoni diġitali fir-rigward tal-miżuri modifikati. L-RRP modifikat ikompli jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni diġitali, inkluż billi jiżviluppa l-infrastruttura meħtieġa (il-bini tal-konnettività, il-cloud u t-titjib taċ-ċibersigurtà) kemm għan-negozji kif ukoll għall-amministrazzjoni pubblika.
- (53) Il-kapitolu tar-REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni diġitali u li jindirizza l-isfidi li jirriżultaw permezz ta' riforma waħda u żewġ sottoinvestimenti. Ir-riforma għandha l-għan li tappoġġa, fost l-oħrajn, id-diġitalizzazzjoni tal-Aġenzija tad-Dominji tal-Istat. Sottoinvestiment wieħed għandu l-għan li jipprovdi soluzzjonijiet diġitali li jtejbju l-effiċjenza u l-veloċità tal-interventi fuq in-network tat-trażmissjoni tal-elettriku biex jitnaqqsu l-indisponibilitajiet. It-tieni wieħed għandu l-għan li jillimita r-riskju ta' attacchi ċibernetiċi fuq l-infrastruttura tal-IT tal-operatur tan-network tat-trażmissjoni tal-elettriku. F'konformità mal-Artikolu 21c(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, ir-riformi u l-investimenti fil-kapitolu REPowerEU ma għandhomx jitqiesu meta tiġi kkalkulata l-allokazzjoni totali tal-pjan għall-fini tal-applikazzjoni tar-rekwiżit tal-mira diġitali stabbilit minn dak ir-Regolament.

Impatt deġġiemi

- (54) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g), u l-Anness V, il-kriterju 2.7, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU mistenni jkollu fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) impatt deġġiemi fuq ir-Rumanija.
- (55) B'mod ġenerali, il-bidliet inklużi fl-RRP modifikat ma għandhomx impatt materjali fuq il-valutazzjoni preċedenti tal-RRP rigward l-impatt deġġiemi tar-riformi biex jinkisbu riżultati fit-tul u bidla strutturali.
- (56) L-RRP iżomm ukoll investimenti li mistennija jkollhom impatt deġġiemi, li jappoġġaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-ekonomija. Il-miżuri relatati mas-settur diġitali fl-RRP huma mfassla biex iżidu l-livell ta' diġitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet rilevanti, li mistenni jkollu impatt deġġiemi fuq il-kwalità tas-servizzi, l-ambjent tan-negozju u l-aħjar użu tad-*data* tal-gvern.
- (57) Fl-aħħar nett, il-kapitolu REPowerEU tar-Rumanija huwa mistenni wkoll li jkollu impatt deġġiemi u jsawwar il-politika tal-enerġija tar-Rumanija lil hinn mit-tul tal-ħajja tal-RRP billi jgħin biex jitnaqqsu l-konsum tal-fjuwils fossili u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jiżdiedu d-dekarbonizzazzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (58) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h), u l-Anness V, il-kriterju 2.8, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inklużi l-iskeda ta' żmien, l-oġġettivi intermedji u l-miri previsti, u l-indikaturi relatati.
- (59) L-RRP modifikat jiddeskrivi b'mod ċar l-arranġamenti fis-seħħ li jiżguraw koordinazzjoni u implimentazzjoni effettivi. Il-Ministeru għall-Investment u l-Proġetti Ewropej ("MIPE") iżomm ir-rwol tiegħu bħala koordinatur nazzjonali inkarigat mill-implimentazzjoni ġenerali tal-pjan. Mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-valutazzjoni tal-RRP tar-Rumanija, il-ministeru saħħaħ il-

kapaċità amministrattiva tal-istruttura speċjalizzata tiegħu, permezz ta' riorganizzazzjoni interna u żieda fl-għadd ta' persunal. Il-koordinazzjoni ta' livell għoli għadha qed tiġi żgurata mill-Kumitat Interministerjali għall-Koordinazzjoni tal-pjan, li jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-MIPE.

- (60) Filwaqt li l-arranġamenti ta' implimentazzjoni inizjali għadhom fis-seħħ, il-kapitolu REPowerEU jinkludi diversi korpi ta' implimentazzjoni ġodda flimkien ma' oħrajn li diġà għandhom esperjenza Prattika bl-ispeċifikitajiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, filwaqt li jitqies li, b'mod partikolari l-ambizzjoni tal-pjan, l-implimentazzjoni għadha diffiċli u jeħtieġ li tiġi mmonitorjata mill-qrib.
- (61) Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u rappurtar huwa adegwat u affidabbli. Il-MIPE jibqa' responsabbli għall-monitoraġġ tal-progress miksub għal kull stadju importanti u mira, kif ukoll għar-rappurtar dwar il-kisba tal-istadji importanti u l-miri abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-korpi ta' implimentazzjoni. Il-miżuri modifikati kollha fil-pjan u fil-kapitolu addizzjonali tar-REPowerEU jinkludu għadd adegwat ta' stadji importanti u miri, realistiki u definiti b'mod ċar biex jiġi żgurat li l-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ikun jista' jiġi mmonitorjat b'mod robust. L-istadji importanti u l-miri huma rilevanti wkoll għal miżuri diġà kompluti li huma eliġibbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. It-tweġġiq sodisfaċenti ta' dawn l-istadji importanti u l-miri maż-żmien huwa meħtieġ biex tiġi ġġustifikata talba ta' żborż.

Ikkostjar

- (62) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u l-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP hija moderatament (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.
- (63) Ir-Rumanija pprovdiet kostijiet stmati individwali għall-miżuri l-ġodda kollha fil-kapitolu tar-REPowerEU. Minbarra l-miżuri fil-kapitolu REPowerEU, ma hemm l-ebda miżura ġdida. B'mod ġenerali, is-suppożizzjonijiet użati mir-Rumanija biex tistma l-kostijiet tal-miżuri l-ġodda jipprovdu spjegazzjonijiet u metodoloġija raġonevoli. Il-ġustifikazzjoni pprovduta għall-miżuri l-ġodda hija moderatament (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, f'konformità mal-prinċipju tal-effiċjenza fil-kost u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni. Għal parti mill-miżuri l-ġodda, aktar ġustifikazzjonijiet u informazzjoni dettaljata dwar stimi setgħu żiedu l-livell ta' assigurazzjoni li l-kostijiet huma raġonevoli u plawżibbli. Peress li, għal dawk l-istimi tal-kostijiet, il-metodoloġija użata mhijiex spjegata tajjeb biżżejjed u r-rabta bejn il-ġustifikazzjoni u l-kost innifsu xi drabi mhijiex ċara għalkollox, il-klassifikazzjoni għall-kriterju tal-valutazzjoni tal-ikkostjar hija medja. Fil-każ ta' miżuri modifikati, ġiet ipprovduta biżżejjed informazzjoni biex tiġġustifika l-proporzjonalità tal-bidliet fl-istimi tal-kostijiet jew fil-miri relatati. Il-valutazzjoni dwar ir-raġonevolezza u l-plawżibbiltà tal-kostijiet tal-miżuri, li issa huma mmodifikati, ma nbidlitx mill-valutazzjoni inizjali ta' dawn il-miżuri. Il-kost totali tal-RRP modifikat huwa proporzjonat għall-impatt soċjali u ekonomiku mistenni tal-miżuri previsti. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP modifikat huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huma proporzjonati mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (64) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u l-Anness V, il-kriterju 2.10, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi previsti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti mistennija jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħra tal-UE. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra li jippromwovu u jinfurzaw il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.
- (65) Il-valutazzjoni oriġinali kienet ikkonkludiet dwar l-adeqwatezza tal-arranġamenti ta' kontroll u awditjar proposti mir-Rumanija (Klassifikazzjoni ta' A) skont il-kriterju 2.10 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, soġġett għall-issodisfar f'waqtu ta' żewġ stadji importanti li jappartjenu għal sistema ta' repożitorju għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRP u l-adozzjoni tal-mandat legali għall-istituzzjonijiet ewlenin fir-Rumanija involuti fl-implimentazzjoni tal-pjan. Il-Ministeru għall-Investimenti u l-Proġetti Ewropej huwa responsabbli b'mod ġenerali għall-implimentazzjoni tal-pjan u għat-tweġibiet f'isem il-korpi ta' implimentazzjoni kollha għall-aspetti operazzjonali u amministrattivi tal-pjan. L-Awtorità tal-Awditar mill-Qorti tal-Kontijiet hija responsabbli għat-tweġiq ta' awditi rigward l-applikazzjonijiet għall-fondi u d-dokumentazzjoni u l-issodisfar tal-miri u l-istadji importanti.
- (66) Mill-valutazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni kellha aċċess għal informazzjoni dwar l-implimentazzjoni attwali tas-sistema ta' verifika u kontroll tar-Rumanija. Dan jinkludi s-sejbiet preliminari tal-awditu dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni mwettaq mill-Kummissjoni fir-Rumanija.
- (67) Fid-dawl ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni tqis li s-sistema ta' kontroll intern tal-RRP tar-Rumanija hija ġeneralment adegwata.

Koerenza tal-RRP

- (68) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k), u l-Anness V, il-kriterju 2.11, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU jinkludi fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti tal-investimenti pubbliċi li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.
- (69) Il-modifiki ma jaffettwawx il-koerenza ġenerali tal-pjan. Għall-oqsma ewlenin kollha inklużi fl-RRP – l-ekonomija ekoloġika, l-edukazzjoni, l-ambjent tan-negozju, is-saħħa, l-inklużjoni soċjali, l-amministrazzjoni pubblika, u d-diġitalizzazzjoni – il-komponenti huma mibnija fuq pakketti konsistenti kemm ta' riformi kif ukoll ta' investimenti, b'miżuri li jsaħħu lil xulxin jew jikkomplementaw lil xulxin. Jeżistu wkoll sinerġiji fid-diversi komponenti u l-ebda miżura ma tikkontradixxi jew timmina l-effettività ta' oħra. Il-fokus ewlieni tal-RRP tar-Rumanija ma nbidilx, peress li t-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali jibqgħu fil-qalba tagħha, fejn ir-riformi ekoloġiċi u l-investimenti inklużi fil-komponenti oriġinali tal-RRP jingħataw

⁶ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

spinta mill-miżuri l-ġodda fil-kapitolu REPowerEU. Ir-riformi u l-investimenti diġitali jibqgħu ffukati fuq l-appoġġ ta' oqsma bl-akbar lakuni fl-investment bħad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi u tal-iskejjel. Il-miżuri fil-kapitolu REPowerEU huma koerenti mal-politiki tar-Rumanija mmirati lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u ż-żieda tas-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Dawn il-miżuri jsaħħu wkoll dawh inklużi fl-RRP oriġinali dwar l-effiċjenza enerġetika u t-tisħiħ tan-network tal-elettriku peress li għandhom l-għan li jżidu s-sehem tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u jnaqqsu d-domanda għall-enerġija.

Ugwaljanza

- (70) Il-pjan modifikat għadu fih sensiela ta' miżuri li mistennija jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-pajjiż fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Fil-kapitolu tar-REPowerEU, il-miżura mmirata lejn ir-rinnovazzjoni ta' djar b'familja waħda tagħti prijorità lis-sidien tad-djar affettwati mill-faqar enerġetiku u lill-konsumaturi tal-enerġija vulnerabbli, u għalhekk huma mistennija li jikkontribwixxu għal opportunitajiet indaqs għall-gruppi kollha tal-popolazzjoni.

Proċess ta' konsultazzjoni

- (71) Fit-tħejjija tal-kapitolu tar-REPowerEU, saru konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti. Twaqqaf grupp ta' ħidma interministerjali biex iħejji l-pjan. L-abbozz tal-kapitolu REPowerEU ġie ppreżentat lill-kumitat ta' monitoraġġ tal-RRP magħmul minn rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet governattivi, rappreżentanti tat-trade unions u tal-impjegaturi, rappreżentanti tal-assoċjazzjonijiet tal-amministrazzjoni pubblika lokali (l-Unjoni Nazzjonali tal-Kunsilli tal-Kontea tar-Rumanija, l-Assoċjazzjoni tal-Muniċipalitajiet Rumani, l-Assoċjazzjoni tal-Muniċipalitajiet Rumani, l-Assoċjazzjoni tal-Bliet Rumani u l-Assoċjazzjoni tal-Muniċipalitajiet tar-Rumanija u l-Assoċjazzjoni tal-Muniċipalitajiet tar-Rumanija), kif ukoll rappreżentanti tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali. Huma kellhom l-opportunità li jagħmlu kummenti. F'Marzu, ġiet organizzata konsultazzjoni pubblika, kif ukoll avveniment pubbliku bil-parteeipazzjoni ta' rappreżentanti tan-negozju, is-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati. Il-kummenti u l-proposti ntbagħtu mill-partijiet ikkonċernati lill-MIPE. Wara dawn il-konsultazzjonijiet, tħejja abbozz ġdid tal-kapitolu.
- (72) Biex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha, fosthom is-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU.

Valutazzjoni pożittiva

- (73) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni li tikkonċerna l-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU, bis-sejba li l-pjan jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) tal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti tal-investimenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU, l-oġettivi intermedji, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li sar disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (74) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU tar-Rumanija huma ta' EUR 28 511 575 220. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għar-Rumanija, il-kontribuzzjoni finanzjarja kkalkolata f'konformità mal-Artikolu 11 allokata għall-RRP modifikat tar-Rumanija li jinkludi l-kapitolu REPowerEU jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 12 125 664 294.
- (75) Skont l-Artikolu 21a(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, fit-8 ta' Settembru 2023, ir-Rumanija ppreżentat talba għall-allokazzjoni tad-dħul msemmi fl-Artikolu 21a (1) ta' dak ir-Regolament, kondiviża bejn l-Istati Membri fuq il-bażi tal-indikaturi stabbiliti fil-metodoloġija fl-Anness IVa tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-kost totali stmat tal-miżuri msemmi fl-Artikolu 21c(3), il-punti minn (b) sa (f), tar-Regolament (UE) 2021/241 inklużi fil-kapitolu REPowerEU huwa EUR 2 017 474 050. Peress li dan l-ammont huwa ogħla mis-sehem ta' allokazzjoni disponibbli għar-Rumanija, l-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli addizzjonali disponibbli għar-Rumanija jenħtieġ li jkun ekwivalenti għas-sehem ta' allokazzjoni. Dan l-ammont huwa ta' EUR 1 397 228 597.
- (76) Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755⁷, ir-Rumanija ssottomettiet talba motivata biex tittrasferixxi l-allokazzjoni proviżorja kollha tagħha li fadal mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità, li tammonta għal EUR 43 162 623. Jenħtieġ li dak l-ammont ikun disponibbli biex jappoġġa r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu REPowerEU bħala appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli addizzjonali.
- (77) Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali disponibbli għar-Rumanija jenħtieġ li tkun EUR 13 566 055 514.

Prefinanzjament ta' REPowerEU

- (78) Ir-Rumanija talbet il-finanzjament li ġej għall-implimentazzjoni tal-kapitolu REPowerEU tagħha: trasferiment ta' EUR 43 162 623 mill-allokazzjoni proviżorja mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, u EUR 1 397 228 597 mid-dħul mill-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (79) Għal dawk l-ammonti, skont l-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241, fit-8 ta' Settembru 2023 ir-Rumanija talbet prefinanzjament ta' 20 % tal-finanzjament mitlub. Soġġett għar-riżorsi disponibbli, jenħtieġ li dak il-prefinanzjament jitqiegħed għad-dispożizzjoni tar-Rumanija soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u r-Rumanija skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 ("il-ftehim ta' finanzjament") u f'konformità miegħu.
- (80) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ST 12319/2021; ST 12319 2021 ADD 1 tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tar-Rumanija tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament,

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357 8.10.2021, p. 1).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 12319/2021; ST 12319 2021 ADD 1 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat tar-Rumanija fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti tal-investimenti skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-oġettivi intermedji u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti relatati mal-ilħuq tal-oġettivi intermedji u l-miri previsti, u l-arranġamenti għall-għoti ta' aċċess sħiħ mill-Kummissjoni għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

(2) Fl-Artikolu 2, il-paragrafi 1 u 2 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tar-Rumanija kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura li jammonta għal EUR 13 566 055 514⁸. Dik il-kontribuzzjoni tinkludi:

- (a) ammont ta' EUR 10 211 538 399 li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022;
- (b) ammont ta' EUR 1 914 125 895 li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023;
- (c) ammont ta' EUR 1 397 228 597⁹, f'konformità mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, esklużivament għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c ta' dak ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c (3), il-punt (a);
- (d) ammont ta' EUR 43 162 623, trasferit mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni disponibbli għar-Rumanija fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Ammont ta' EUR 1 851 159 668 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/241.

Ammont ta' EUR 288 078 244 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241. Dak il-prefinanzjament jista' jiġi żborżat mill-Kummissjoni f'massimu ta' żewġ pagamenti.

⁸ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tar-Rumanija tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

⁹ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara li jitnaqqas is-sehem proporzjonali tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 tar-Rumanija, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija tal-Anness IVa ta' dak ir-Regolament.

Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-prefinanzjament u l-ħlasijiet parzjali f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzzjament.”;

(3) L-Anness huwa sostitwit mit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President